31985R3812

31.12.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 368/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3812/85
tal-20 ta' Diċembru 1985
li jaġġusta ċerti Regolamenti dwar ħalib u prodotti tal-ħalib minħabba l-adeżjoni ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall [1], u b'mod partikolari Artikolu 396 tiegħu,

Billi, skond Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jistgħu jadottaw, qabel is-sħubija, l-miżuri msemmija f'Artikolu 396 tal-Att, dawk il-miżuri li jidħlu fis-seħħ soġġetti għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat;

Billi aġġustamenti għandhom isiru għar-Regolamenti li ġejjin dwar ħalib u prodotti tal-ħalib:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1098/68 tas-27 ta' Lulju 1968 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib [2], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2283/81 [3],

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1282/72 tal-21 ta' Ġunju 1972 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezz imnaqqas lill-armata u forzi simili [4], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3474/80 [5],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1717/72 tat-8 ta' Awissu 1972 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezz imnaqqas lill-istituzzjonijiet li jaħdmu mhux bi profitt u organizzazzjonijiet [6], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3474/80 [5],

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1624/76 tat-2 ta' Lulju 1976 dwar arranġamenti speċjali għall-ħlas ta' għajnuna għal ħalib xkumat polverizzat żnaturat jew proċessat f'oġġetti tal-ikel komposti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor [7], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 100/85 [8],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 368/77 tat-23 ta' Frar 1977 dwar il-bejgħ bl-appalt ta' ħalib xkumat polverizzat għall-użu ta' ikel għal ħnieżer u tjur [9], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 906/85 [10],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 443/77 tat-2 ta' Marzu 1977 dwar il-bejgħ bi prezz fiss ta' ħalib xkumat polverizzat għall-użu ta' ikel għal ħnieżer u tjur u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1687/76 u Nru 368/77 [11], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 1454/85 [12],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 776/78 tat-18 ta' April 1978 dwar l-applikazzjoni tal-iżgħar rata ta' rifużjoni dwar esportazzjoni ta' prodotti tal-ħalib u li jħassar u jemenda ċerti Regolamenti [13], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1475/80 [14],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 262/79 tat-12 ta' Frar 1979 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezz imnaqqas għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġina, ġelat u oġġetti oħra tal-ikel [15], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3021/85 [16],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1725/79 tas-26 ta' Lulju 1979 dwar regolamenti biex tingħata għajnuna għal ħalib xkumat polverizzat proċessat f'oġġetti tal-ikel komposti u ħalib xkumat polverizzat maħsub bħala għalf għal għeġejjel [17], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 2859/85 [18],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/79 tat-18 ta' Diċembru 1979 li jipprovdi l-kundizzjonijiet li bihom ċerti ġobnijiet li jibbenefikaw minn trattament ta' importazzjoni preferenzjali għandhom jiġu proċessati [19], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 3474/80,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1932/81 tat-13 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti ta' għajnuna għal butir u butir konċentrat għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġina, ġelat u oġġetti oħra tal-ikel [20], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 453/85 [21],

---

[1] ĠU L 302, tal-15.11.1985, p. 1.
[2] ĠU L 184, tad-29.7.1968, p. 10.
[3] ĠU L 223, tat-8.8.1981, p. 10.
[4] ĠU L 142, tat-22.6.1972, p. 14.
[5] ĠU L 363, tad-31.12.1980, p. 50.
[6] ĠU L 181, tad-9.8.1972, p. 11.
[7] ĠU L 180, tas-6.7.1976, p. 9.
[8] ĠU L 13, tas-16.1.1985, p. 10.
[9] ĠU L 52, ta' l-24.2.1977, p. 19.
[10] ĠU L 97, ta' l-4.4.1985, p. 27.
[11] ĠU L 58, tat-3.3.1977, p. 16.
[12] ĠU L 144, ta' l-1.6.1985, p. 68.
[13] ĠU L 105, tad-19.4.1978, p. 5.
[14] ĠU L 147, tat-13.6.1980, p. 15.
[15] ĠU L 14, tas-16.2.1979, p. 1.
[16] ĠU L 289, tal-31.10.1985, p. 14.
[17] ĠU L 199, tas-7.8.1979, p. 1.
[18] ĠU L 274, tal-15.10.1985, p. 27.
[19] ĠU L 336, tad-29.12.1979, p. 23.
[20] ĠU L 191, ta' l-14.7.1981, p. 6.
[21] ĠU L 52, tat- 22.2.1985, p. 40.

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 tal-31 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' butir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li jaħdmu mhux bi profitt [1], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1365/85 [2],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2192/81 tal-31 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' butir mill-armati u forzi simili tal-Istati Membri [3], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1365/85,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2729/81 tal-14 ta' Settembru 1981 li jistabbilixxi regoli speċjali li jimplimentaw is-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni u l-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet għar-rigward ta' ħalib u prodotti tal-ħalib [4], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 369/85 [5],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1953/82 tas-6 ta' Lulju 1982 li jistipula kundizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni ta' ċertu ġobon lil ċerti pajjiżi mhux membri [6], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3110/85 [7],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1354/83 tas-17 ta' Mejju 1983 li jistipula regoli ġenerali għall-mobilizzar u provvista ta' ħalib xkumat polverizzat, butir u żejt tal-butir bħala għajnuna tal-ikel [8], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 1886/83 [9],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 442/84 tal-21 ta' Frar 1984 dwar l-għoti ta' għajnuna għal butir minn ħażna privata għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġina, ġelat u oġġetti oħra tal-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1245/83 [10],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3714/84 tal-21 ta' Diċembru 1984 li jistipula regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna għall-użu ta' ħalib parzjalment xkumat u trab tal-ħalib parzjalment xkumat f'oġġetti tal-ikel [11], skond l-aħħar emenda permezz tar- Regolament (KEE) Nru 2445/85 [12],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85 tal-11 ta' Novembru 1985 dwar il-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa ta' butir ta' intervent maħsub għal konsum dirett f'forma ta' butir konċentrat [13],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 1098/68, żona ta' destinazzjoni D hi mħassra.

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1287/7:

"Mantequilla de intervención vendida a las Fuerzas Armadas — Reglamento (CEE) nº 1282/72".

3. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1717/72:

"Mantequilla de intervención vendida de acuerdo con lo establecido en el Reglamento (CEE) nº 1717/72".

4. Dan li ġej hu miżjud mat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1624/76:

"Destinada a ser sometida a control y a ser objeto de la constitución de una fianza (Reglamento (CEE) nº 1624/76)".

5. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 368/77:

"Para ser desnaturalisada (Reglamento (CEE) nº 368/77)".

6. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 443/77:

"Para ser desnaturalizada (Reglamento (CEE) nº 443/77)".

7. Fl-Anness għal Regolament (KEE) Nru 776/78, ir-riferenza għal żona D hi mħassra mill-kolonna "Destinazzjoni".

8. Regolament (KEE) Nru 262/79 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud mat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 6:

"Mantequilla concentrada destinada exclusivamente a la transformación en uno de los productos contemplados en el articulo 4 del Reglamento (CEE) nº 262/79".

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 20:

"Mantequilla destinada a la transformación (Reglamento (CEE) nº 262/79)."

9. Regolament (KEE) Nru 1725/79 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud mal-ewwel inċiż ta' Artikolu 4(4)(b):

"Mezcla destinada a la fabricación de piensos compuestos (Reglamento (CEE) nº 1725/79)."

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 7(2):

"Aplicación del Reglamento (CEE) nº 1725/79 — piensos, compuestos para an imales destinados a la explotacion agraria o de cria o de engorde que lo utilicen".

10. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2967/79:

"destino especifico: Reglamento (CEE) nº 1535/77 y Reglamento (CEE) nº 2967/79".

(1) ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.
(2) ĠU L 139, tas-27.5.1985, p. 20.
(3) ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 24.
(4) ĠU L 272, tas-26.9.1981, p. 19.
(5) ĠU L 44, ta' l-14.2.1985, p. 11.
(6) ĠU L 212, tal-21.7.1982, p. 5.
(7) ĠU L 296, tat-8.11.1985, p. 33.
(8) ĠU L 142, ta' l-1.6.1983, p. 1.
(9) ĠU L 187, tat-12.7.1983, p. 29.
(10) ĠU L 52, tat-23.2.1984, p. 12.
(11) ĠU L 341, tad-29.12.1984, p. 65.
(12) ĠU L 232, tat-30.8.1985, p. 17.
(13) ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.

11. Id-dikjarazzjonijiet li ġejjin huma miżjuda ma' taqsima 104 ta' Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 1932/81:

"Mantequilla concentrada destinada a transformación (Reglamento (CEE) nº 1932/81)".

"Producto intermedio destinado a la transformatión en … (nombre y dirección del establecimiento) (Reglamento (CEE) nº 1932/81 articulo 10 paragrafo 2)".

12. Regolament (KEE) Nru 2191/81 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 4(1):

"— Mantequilla a precio reducido en base al Reglamento (CEE) nº 2191/81".

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 4(2):

"— Reventa prohibida".

13. Regolament (KEE) Nru 2192/81 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 4(1):

"Mantequilla a precio reducido destinada a las Fuerzas Armadas".

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 4(2):

"Reventa Prohibida".

14. Regolament (KEE) Nru 2729/81 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 6(1):

"Exportación especial (Reglamento (CEE) nº …".

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 6(2):

"— A exportar sin restitución".

3. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 13(2):

— "Fijación previa limitada al componente leche"

jew

— "Fijación previa limitada al elemento azucar".

4. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 16(1):

"Candidad indicativa".

5. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 16(2):

"Certificado complementar".

6. Fil-kolonna "Destinazzjoni" f'Anness I, id-destinazzjonijiet faċċata tat-titolu CCT Nru 04.04 huma emendati biex jinqraw kif ġej: "Awstrija, Andorra".

15. Regolament (KEE) Nru 1953/82 hu emendat kif ġej:

1. F'Artikolu 1 il-kelma "Spanja" hi mħassra.

2. F'Artikolu 2, paragrafi 4 u 5 huma mħassra.

3. F'Artikolu 6(2) il-kliem "jew Spanja" huma mħassra.

4. Annessi IIIA, IIIB, IIIĊ u V huma mħassra.

16. Artikolu 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 1354/83 hu emendat kif ġej:

"Destinado a ser exportado como ayuda alimentaria (Reglamento (CEE) nº 1354/83)".

17. Regolament (KEE) Nru 442/84 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 7:

"Mantequilla de almacenamiento privado destinada a transformación (Reglamento (CEE) nº 442/84)".

2. Fl-Anness huma miżjuda d-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— f'A(a), Artikolu 104:

"Destinada a concentración y transformación ulterior (Reglamento (CEE) nº 442/84)";

— f'A(b), Artikolu 104:

"mantequilla concentrada destinada a transformación (Reglamento (CEE) nº 442/84)";

jew

"Producto intermedio destinado a transformación: … (nombre y direccion del establecimiento). (Reglamento (CEE) nº 442/84, art. 6 parrafo 2)";

— f' B, Artikolu 104:

"Destinada a transformación directa (Reglamento (CEE) nº 442/84)".

18. F'Anness IV, Artikolu 104 tar- Regolament (KEE) Nru 3143/84, hu miżjud dan li ġej:

"Leche en polvo parcialmente desnatada destinada a ser utilizada segùn el reglamento (CEE) nº 1725/79 (Reglamento (CEE) nº 3714/84)".

19. Regolament (KEE) Nru 3145/85 hu emendat kif ġej:

1. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 3(2):

"Mantequilla destinada a la transformación en mantequilla concentrada (Reglamento (CEE) nº 3143/85)"

2. Dan li ġej hu miżjud ma' Artikolu 5(4):

— "Mantequilla concentrada" ó "mantequilla concentrada para la cocina" ó "mantequilla concentrada para la cocina y la pasteleria"

— "Ghee obtenido de mantequilla".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986, soġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President